MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA
# (GURISDIZZJONI KOSTITUZZJONALI)

## ONOR. IMHALLEF
## GIANNINO CARUANA DEMAJO

Seduta tas-26 ta' Jannar, 2007

Rikors Numru. 41/2006

**Simon Caruana**

***Versus***

**L-Onorevoli Prim'Ministru u l-Avukat Ġenerali**

F'din il-kawża r-rikorrent qiegħed igħid illi l-jedd tiegħu għal smigħ xieraq, imħares taħt l-art. 39(2) tal-Kostituzzjoni ta' Malta ["il-Kostituzzjoni"] u l-art. 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fondamentali ["il-Konvenzjoni"], qiegħed jinkiser fi proċeduri li fihom huwa parti u li qegħdin jinstemgħu quddiem it-Tribunal għal Talbiet Żgħar ["it-Tribunal"].
Ir-rikorrent igħid illi hu ġie mħarrek minn *Fogg Insurance Agencies Limited* f'isem is-soċjetà barranija *Norwich Union International Insurance Limited*, u minn Cristino Azzopardi sabiex jiġi kundannat iħallas sitt mija u tmenin

lira u tlieta u sebgħin ċenteżmu (Lm608.73) bħala danni wara inċident li seħħ meta hu kien qiegħed isuq rota, u ġie msejjaħ biex jidher quddiem it-Tribunal presjedut mill-Avukat Philip Manduca.

Deċiżjoni dwar id-drittijiet u l-obbligi ċivili tar-rikorrent għandha tingħata minn qorti jew awtorità oħra mwaqqfa b'liġi li għandha tkun indipendenti u imparzjali, kif iridu l-art. 39 tal-Kostituzzjoni u l-art. 6 tal-Konvenzjoni, iżda t-Tribunal, kif imwaqqaf bl-Att dwar Tribunal għal talbiet Żgħar [Kap 380], ma huwiex tribunal indipendenti u imparzjali.

Dan it-Tribunal huwa dejjem presjedut minn avukat pratikanti, li jalterna x-xogħol tiegħu ta' avukat quddiem il-qarti kollha barra l-istess Tribunal max-xogħol ta' ġudikant – jew ġudikatur kif jissejjaħ fl-Att – fit-Tribunal. Jinħatar bħala ġudikatur mill-President ta' Malta għal ħames snin, iżda matul dawk il-ħames snin jista' jkompli jaħdem ta' avukat quddiem il-qrati ordinarji. B'hekk ikun jippatroċinja partijiet kontra avukati oħra li jkunu qegħdin jippatroċinaw lill-parti l-oħra, u b'hekk ma jistax umanament ikun imparzjali meta, bħala ġudikatur, jidhru quddiemu l-istess partijiet li kontra tagħhom kien qiegħed jaħdem bħala avukat.

Li dan jikser il-Kostituzzjoni ħassu l-leġislatur stess meta għadda b'liġi l-art. 4(4)(*b*) tal-Kap. 380 li jżomm lill-ġudikaturi milli jaħdmu ta' avukati f'kawżi quddiem it-Tribunal.

Ir-rikorrent għalhekk qiegħed jitlob illi din il-qorti tgħid illi, għax hu ġie mħarrek quddiem it-Tribunal, qiegħed iġarrab ksur tad-dritt tiegħu mħares taħt l-art. 39(2) tal-Kostituzzjoni u l-art. 6(1) tal-Konvenzjoni, . Qiegħed jitlob ukoll illi, sabiex jitħarsu l-jeddijiet tiegħu taħt il-liġi, hu jiġi ġudikat quddiem qorti jew tribunal imparzjali u indipendenti, u illi, għalhekk, din il-qorti tgħid illi ma jiswewx l-art. 4 u 7(1) tal-Kap. 380 u tagħtih kull rimedju xieraq.

L-intimati wieġbu illi r-rikorrent seta', u għadu jista', jinqeda b'rimedji ordinarji sabiex iħares il-jeddijiet tiegħu, għal dawn ir-raġunijiet:

1. mill-kliem tar-rikors jidher illi l-każ tar-rikorrent quddiem it-Tribunal għadu ma nqatax, u għalhekk ir-

rikorrent għadu ma nqediex bir-rimedji li jagħtuh il-proċeduri quddiem it-Tribunal; u

2. jekk it-Tribunal ġà iddeċieda dwar il-każ tar-rikorrent, dan jista' jappella taħt l-art. 8 tal-Kap. 380 li fil-para. (2)(*d*) igħid illi jista' jsir appell ukoll "meta t-Tribunal ikun b'mod gravi mar kontra d-dettami ta' l-imparzjalità u ta' l-ekwità skond il-liġi u dik l-azzjoni tkun ippreġudikat il-jeddijiet ta' min jappella"; jekk ir-rikorrent ma jinqediex bil-jedd li jappella ikun naqas milli jinqeda bir-rimedju ordinarji kollha li tagħtih il-liġi, u għalhekk din il-qorti għandha tirrifjuta li teżerċita s-setgħat kostituzzjonali tagħha u ma tqisx aktar dan il-każ;

L-intimati komplew iwieġbu illi mir-rikors ma jirriżulta b'ebda mod kif l-għemil tat-Tribunal u tal-ġudikant inkarigat minnu qiegħed fil-konkret jikser id-drittijiet fondamentali tar-rikorrent: ir-rikorrent ma huwiex qiegħed jilmenta kontra dak li għamel it-Tribunal kontra l-interessi tiegħu iżda qiegħed iressaq numru ta' lanjanzi *in abstracto* kontra l-liġi li waqqfet lit-Tribunal. Għalhekk jonqos l-interess ġuridiku dirett u attwali, għax l-azzjonijiet dwar ksur ta' drittijiet fondamentali jistgħu jinġiebu biss minn min ikun il-vittma ta' dak il-ksur. Fil-każ tallum ir-rikorrent qiegħed biss iressaq għadd ta' lmenti ipotetiċi mibnija fuq interpretazjonijiet tal-Kap. 380 illi, igħid hu, jistgħu jwasslu biex jinkiser il-jedd għal smigħ xieraq, u ma jistax jagħmel mod ieħor għax ma għandu ebda prova ta' xi fatt li twettaq kontrieh li jsaħħaħ dak li qiegħed jallega dwar ksur ta' drittijiet.

L-intimati jgħidu wkoll illi l-fatt illi fuq it-Tribunal jippresjedi avukat pratikanti ma jikkompromettix l-imparzjalità tiegħu, għax il-liġi ma tħallix illi każ jiddeċidih ġudikant li għandu interess personali jew professjonali fih. Din ma hijiex ħlief applikazzjoni tal-liġi dwar ir-rikużi u l-astensjonijiet għall-fatti partikolari tal-każ, u jekk minn dawk il-fatti hemm dehra ta' nuqqas ta' imparzjalità il-ġudikant ma jkunx jista' jisma' l-każ. L-art. 5 tal-Kap. 380 jgħid illi l-art. 734 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili dwar rikuża ta' mħallef igħodd ukoll għall-proċeduri quddiem it-Tribunal, u għalhekk l-imparzjalità ta' ġudikatur tat-Tribunal hija mħarsa bl-istess mod bħall-imparzjalità ta' mħallef.

Għaldaqstant, igħidu l-intimati, ladarba l-kwistjoni dwar jekk ġudikatur jitqiesx li għandu interess f'kawża hija kwistjoni li għandha tiġi determinata skond il-fatti ta' dik il-kawża partikolari, ma huwiex il-każ illi f'din il-kawża tallum jiġu delinejati s-sitwazzjonijiet partikolari meta ġudikatur jista' jitqies li ma huwiex imparzjali.

L-intimati jgħidu wkoll illi r-rikorrent ma semma ebda prova ta' parzjalità tal-ġudikatur kontra tiegħu, u l-fatt illi l-ġudikatur huwa wkoll avukat pratikanti fih innifsu ma joħloqx preżunzjoni ta' parzjalità: ma hemm xejn fil-liġi u l-ġurisprudenza li jwasslu biex tgħid illi jekk il-ġudikatur f'kawża partikolari jkun jippatroċinja klijenti oħrajn quddiem qorti fuq ċirkostanzi differenti minn dawk tal-kawża li jkollu quddiemu bħala ġudikatur, mela huwa sejjer ikun parzjali. Anzi, dan il-prinċipju jibqa' jiswa wkoll jekk il-ġudikant ikun jippatroċinja parti li tkun qiegħda tidher quddiemu, basta dan ikun f'każ ieħor li ma jkollux x'jaqsam, iżda r-rikorrent lanqas ma hu qiegħed jallega li teżisti sitwazzjoni bħal dik.

Ir-rikorrenti għalhekk talbu illi l-qorti tiċħad it-talbiet tar-rikorrenti.

Din il-qorti, wara li qieset sew dak li qalu l-partijiet fir-rikors u fit-tweġiba, u qieset ukoll dak li kompla igħid ir-rikorrent fin-nota ta' osservazzjonijiet tiegħu, hija tal-fehma illi t-talbiet tar-rikorrent, għalkemm iqanqlu kwistjoni li toħloq preokkupazzjoni serja, madankollu fiċ-ċirkostanzi tal-każ tallum ma jistgħux jintlaqgħu, għar-raġunijiet li sejrin jissemmew.

L-ilment tar-rikorrent f'din il-kawża tallum huwa speċifiku ħafna: ma huwiex qiegħed igħid illi t-Tribunal ma huwiex wieħed indipendenti u imparzjali għax mhux imwaqqaf b'liġi, jew għax ma hemmx garanziji kontra t-tneħħija tal-ġudikatur, jew għax jista' jsir indħil mill-fergħa eżekuttiva tal-gvern – dawn huma kollha kwistjonijiet li ġà ġew mistħarrġa u ngħatat deċiżjoni dwarhom f'sentenza mogħtija minn din il-qorti fl-10 ta' Jannar 2003 fil-kawża fl-ismijiet Kenneth Brincat *versus* l-Avukat Ġenerali *et*; l-ilment fil-kawża tallum huwa illi, għax il-ġudikatur huwa wkoll avukat pratikanti, "ma jistax umanament ikun imparzjali meta bħala ġudikatur jidhru quddiemu l-istess partijiet li kontra tagħhom kien qed jaġixxi bħala avukat", u

meta jidhru quddiemu avukati li dehru f'kawżi fejn hu kien deher bħala avukat għall-parti l-oħra.

Ir-raġunijiet għala din il-qorti hija tal-fehma illi ma għandhiex tilqa' t-talbiet tar-rikorrent biex tagħtih ir-rimedju mitlub huma dawn:

Din ma hijiex azzjoni popolari taħt l-art. 116 tal-Kostituzzjoni, fejn "persuna li ġġib azzjoni bħal dik ma tkunx meħtieġa turi xi interess persunali b'appoġġ għall-azzjoni tagħha", iżda hija azzjoni għall-ħarsien tal-jeddijiet fondamentali mħarsa taħt id-dispożizzjonijiet tal-Kostituzzjoni jew tal-Konvenzjoni, fejn hu meħtieġ illi persuna li ġġib azzjoni bħal dik turi illi xi waħda minn dawk id-dispożizzjonijiet "tkun qed tiġi jew tkun x'aktarx ser tiġi miksura dwarha". Għalhekk ma huwiex biżżejjed għar-rikorrent illi jistrieħ fuq possibbiltajiet astratti ta' preġudizzju, iżda jrid juri l-eżistenza ta' sitwazzjoni konkreta illi tikser, jew x'aktarx sejra tikser, il-jeddijiet fondamentali tagħha.

Fi kliem ieħor, ma huwiex biżżejjed għar-rikorrent li jgħid illi l-president tat-Tribunal jista' jkun illi kien deher bħala avukat f'kawżi quddiem il-qrati ordinarji fl-interess ta' persuna illi issa qiegħda tidher quddiemu bħala parti f'kawża kontra r-rikorrent; irid juri illi din il-possibbiltà seħħet f'każ konkret. Din il-prova iżda ma nġibitx, u għalhekk il-kawża tallum saret biss eżerċizzju akkademiku dwar possibbiltajiet ta' konsegwenzi ħżiena li tista' twassal għalihom il-liġi, u mhux każ dwar ksur konkret ta' dritt fondamentali. Ir-rikorrent għalhekk ma weriex li għandu dak l-interess ġuridiku li trid il-liġi sabiex il-kawża tiegħu tista' timxi.

L-istess jingħad dwar l-argument tar-rikorrent illi jista' jiġri "li avukat li jeżerċita biss il-professjoni jista' jsib ruħu illi l-operat tiegħu bħala avukat se jiġi ġudikat minn avukat li ftit sigħat qabel kien qed jirrappreżenta l-kontro-parti tal-klijent ta' l-avukat eżerċenti li però mhuwiex ġudikatur": ma nġiebet ebda prova illi dan seħħ fil-każ tallum.

In-nuqqas tar-rikorrent illi juri preġudizzju konkret mhux biss ineħħilu l-leġittimazzjoni attiva biex iressaq din il-kawża minħabba nuqqas ta' interess iżda wkoll ifisser illi r-rikorrent ma nqediex – għax għadha ma nqalgħetx okkażjoni konkreta għalhekk – bir-rimedji li tagħtih il-liġi ordinarja, partikolarment fl-art. 5 tal-Kap 380, li jgħid illi "d-

disposizzjonijiet tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili li għandhom x'jaqsmu ma' l-astensjonijiet minn, u r-rikużi ta' maġistrat … … … għandhom, *mutatis mutandis*, japplikaw għal ġudikaturi". Ir-rikorrent għalhekk jista', jekk tinqala' l-ħtieġa, jinqeda bid-dispożizzjonijiet ta' l-art. 734 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili biex jitlob ir-rikuża tal-ġudikatur. Partikolarment relevanti fid-dawl ta' l-argumenti li ressaq ir-rikorrent fil-kawża tallum huwa l-art. 734(1)(*e*), li jgħid illi hemm raġuni ta' astensjoni jew rikuża jekk il-ġudikatur ikollu "interess dirett jew indirett dwar kif tinqata' l-kawża".

Li r-rimedju tar-rikuża huwa rimedju biżżejjed joħroġ mill-każ tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem, imsemmi mir-rikorrent stess fin-nota ta' osservazzjonijiet tiegħu, ta' Piersack kontra l-Belġju[1] – il-każ fejn l-imħallef fil-qorti domestika kien, qabel ma nħatar imħallef, id-deputat tal-Prokuratur tar-re li l-uffiċċju tiegħu kien mexxa l-prosekuzzjoni kontra Piersack. Għalkemm l-imħallef personalment ma kienx ħa sehem fit-tmexxija tal-prosekuzzjoni kontra Piersack, u kien hemm qbil illi ma kienx ippreġudikat kontra tiegħu, il-qorti xorta sabet illi kien hemm ksur ta' l-art. 6 tal-Konvenzjoni fejn dan irid li tribunal ikun imparzjali, u qalet illi:

30\. … … … it is not possible to confine oneself to a purely subjective test. In this area, even appearances may be of a certain importance (see the Delcourt judgment of 17 January 1970, Series A no. 11, p. 17, § 31). As the Belgian Court of Cassation observed in its judgment of 21 February 1979 … … … any judge in respect of whom there is a legitimate reason to fear a lack of impartiality must withdraw. What is at stake is the confidence which the courts must inspire in the public in a democratic society.

Ir-rimedju, iżda, kif jidher minn din is-silta, hu illi dak il-ġudikant "*must withdraw*" u ma jkomplix jisma' dak il-każ partikolari, u mhux illi *ex*-prosekuturi ma jinħatru qatt imħallfin. Fil-fatt il-qorti kompliet tgħid hekk:

30\. (b) It would be going too far to the opposite extreme to maintain that former judicial officers in the public prosecutor's department were unable to sit on the bench

[1] 1 t'Ottubru 1982, rikors nru 8692/79.

in every case that had been examined initially by that department, even though they had never had to deal with the case themselves.  So radical a solution, based on an inflexible and formalistic conception of the unity and indivisibility of the public prosecutor’s department, would erect a virtually impenetrable barrier between that department and the bench.  It would lead to an upheaval in the judicial system of several Contracting States where transfers from one of those offices to the other are a frequent occurrence.  Above all, the mere fact that a judge was once a member of the public prosecutor’s department is not a reason for fearing that he lacks impartiality;  the Court concurs with the Government on this point.

Għaldaqstant ir-rikorrent ikollu rimedju biżżejjed, jekk tinqala’ l-ħtieġa għalih, minn interpretazzjoni korretta u konformi tad-dispożizzjonijiet dwar ir-rikuża u l-astensjoni, u ma jkunx meħtieġ ir-rimedju straordinarju li qiegħed jitlob illum.

Għal dawn ir-raġunijiet il-qorti hija tal-fehma illi t-talbiet tar-rikorrent ma jistħoqqilhomx illi jintlaqgħu, u għalhekk taqta’ l-kawża billi tiċħad it-talbiet tar-rikorrent u tikkundannaħ iħallas l-ispejjeż kolha tal-kawża.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------